-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

[Nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jeremy Cardona– Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nr 9 u 10

10.2.1 B'referenza għal punt 9.2.43 is-Sindku qal illi m'hemm l-ebda update wara li l-avukata bagħtet l-appell.

10.2.2 Il-kunsillier A.Zammit ippronpona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondaħ. Kien hemm qbil li jiġu approvati.

10.2.3 B'referenza għal Minuti tal-laqgħa nr.10 il-kunsillier A.Zammit ippropona li jiġu approvati. Il-kunsilliera J.Borg issekondaħ. Kien hemm qbil li jiġu approvati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jkompli bil-proċedura

## 10.3 Korrespondenza mas-Sindku

10.3.1 Ma kien hemm l-ebda korrespondenza

## 10.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

10.4.1 Id-D.S.E qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

## 10.5 Rapporti

10.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport

## 10.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

10.6.1 Il-kunsilliera J.Borg staqsiet jekk il-Kunsill kien se jixtri l-iPads għall-kunsilliera għall-użu tagħhom għal xogħolijiet li għandom x'jaqsmu mall-Kunsill. Is-Sindku kkonferma. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi ħarġu talbiet għal stimi, izda dawn jintuzaw għall-fini ta' materji tal-Kunsill u jkunu propjeta tal-Kunsill.

10.6.2 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi qed isiru wisq abbuzi la kuntratturi jgħidu li se jġibu lifter [għax b'xejn] u juzaw krejn. Id-D.S.E qal illi aħna nuzaw l-informazzjoni li jagħtu u l-liġi hija ambigwa peress illi jekk tintuza lifter, u ma juzawx parti mit-triq, b'hekk il-permess tingħata bla ħlas. Fl-istess huwa impossibli kwazi biex ma tintuza biss parking space. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi għandom iħallsu r-rata xorta waħda la jieħdu l-istess spazju daqs ta' krejn la bis-saqajn jieħdu joħorġu l-barra.

## 10.7 Mozzjonijiet

10.7.1 Id-D.S.E qal illi irieva 2 mozzjonijiet mingħand il-kunsillier J.Cardonam waħda sekondata mill-kunsillier A.Zammit u oħra mill-kunsilliera J.Borg.

10.7.2 L-ewwel mozzjoni 'Book Scheme għat-tfal tal-iskola' fejn talab illi nallokaw l-ammont ta' €200 għax-xiri tal-kotba u li l-iskola se jagħtu kontribuzzjoni tall-istess ammont. Il-Kunsill qabel.

10.7.3 It-tieni mozzjoni 'Book exchange' fejn talab li jkun hemm post, preferibalment telephone box, fejn jitħallew kotba ħalli n-nies jieħdu u jħallu kotba. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi din isir. Is-Sindku qal illi jaf persuna li għanda telephone box tal-Inglizi [mill-antiki] u se jistaqsi jekk possibli nuzawha.

## 10.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.8.1 Il-kunsillier H.Caruana ppropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondaħ

## 10.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu 2020 fil-5.30pm

Konfermati, illum 17 ta' MarZU 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |